32006D0215

L 80/74 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-15 ta' Marzu 2006

dwar it-twaqqif ta' grupp espert ta' livell għoli sabiex jagħti pariri lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-Istrateġija i2010

(2006/215/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) Kif hemm indikat fil-konklużjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni[1] "i2010 - Soċjetà tal-Informazzjoni Ewropea għat-tkabbir u l-impjiegi" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "i2010"), "il-Kummissjoni se ssaħħaħ id-djalogu ma' partijiet interessati u se taħdem mal-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-ICT, b'mod notevoli permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni". Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tirreferi għall-gwida u għall-kompetenza ta' korp konsultattiv magħmul minn uffiċjali mill-Istati Membri li jispeċjalizzaw fiż-żona politika tal-ICT.

(2) Il-grupp għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-i2010.

(3) Il-grupp irid ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri ta' livell għoli, u miftuħ għal osservaturi minn dawk il-pajjiżi li jkunu sejrin jissieħbu u dawk li huma membri fiż-ŻEE.

(4) Għalhekk il-"grupp ta' livell għoli tal-i2010" għandu jiġi stabbilit u t-termini ta' referenza u struttura għandhom ikunu ddettaljati.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Grupp ta' esperti, "grupp ta' livell għoli tal-i2010", minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Grupp" huwa b'hekk stabbilit mill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Il-Kompitu

[1] COM(2005) 229 finali.

Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp dwar kwalunkwe każ li jirrelata mal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-i2010."

Il-kompitu tal-Grupp huwa li:

- jiddiskuti kwistjonijiet tal-politika tal-ICT strateġiċi fil-kuntest tal-i2010 u fil-kuntest usa' tal-aġenda ta' Liżbona, jagħmel reviżjoni tal-effettività tal-i2010, u jagħti kontribut u pariri dwar titjib u aġġustamenti possibli dwar l-azzjonijiet tal-i2010, abbażi tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-evoluzzjoni tal-politika tal-i2010;

- joffri forum għal diskussjonijiet strateġiċi u għal skambju ta' esperjenzi, li jinvolvi s-servizzi kollha tal-Kummissjoni; kif ukoll

- isir skambju ta' opinjonijiet dwar kwistjonijiet li ħerġin mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Riforma, fuq it-temi koperti mill-i2010, relatati mat-twettiq tal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Lisbona.

Artikolu 3

Kompożizzjoni - Ħatra

1. Il-grupp għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru u l-Kummissjoni. Ir-rappreżentant tal-Istat Membru jista' jkun akkumpanjat b'kollegi xierqa skont il-materjal tas-suġġett diskuss, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli għar-rifużjonijiet ta' spejjeż relatati mal-laqgħa. Ir-rappreżentanti għandhom ikunu ħaddiema taċ-ċivil ta' livell għoli li jittrattaw ma' kwistjonijiet tas-soċjetà tal-informazzjoni fuq livell nazzjonali, li jkunu kapaċi jiżguraw koordinazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali involuti fl-oqsma varji koperti mill-istrateġija tal-i2010.

2. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' osservaturi minn pajiżi li huma membri fiż-ŻEE u dawk minn pajiżi li jkunu sejrin jissieħbu. Dawn l-osservaturi huma nnominati skont l-istess kriterji li ssemmew fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri, il-pajjiżi huma membri fiż-ŻEE u pajjiżi li jkunu sejrin jissieħbu għandhom javżaw lill-Kummisjoni bl-ismijiet u d-dettalji tan-nominati u bi kwalunkwe tibdiliet sussegwenti.

4. L-ismijiet tal-membri maħtura għandhom jiġu ppublikati fuq il-websajt tal-i2010 (www.europa.eu.int/i2010). Il-lista ta' dawk fi sħubija tiġi aġġornata mid-Direttorat Ġenerali tas-Soċjetà tal-Informazzjoni u l-Midja kull darba li jiġu nnotifikati xi bidliet mill-Istati Membri.

Artikolu 4

L-operat

1. Il-grupp se jkun immexxi mill-Kummissjoni.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, il-grupp jista' jwaqqaf sottogruppi biex jeżaminaw il-kwistjonijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-grupp. dawn għandhom jiġu xolti hekk kif dawn it-termini ta' referenza jiġu ssodisfatti.

3. Il-Kummissjoni tista' tistaqsi esperti jew osservaturi ta' kompetenza speċifika dwar suġġett fuq l-aġenda biex jipparteċipaw fid-deliberazjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp jekk dan ikun utli u/jew meħtieġ.

4. L-informazzjoni miksuba bil-parteċipazzjoni fid-deliberazzjonijiet tal-grupp jew sottogrupp ma tistax tinħareġ jekk il-Kummissjoni tindika li din tkun marbuta ma' kwistjonijiet kunfidenzjali.

5. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura[2].

6. Il-Kummissjoni tista' tippubblika kwalunkwe sommarju, konklużjoni, konklużjoni parzjali jew dokument ta' ħidma tal-grupp.

Artikolu 5

Spejjeż tal-laqgħat

Il-Kummissjoni għandha tirrimborsa l-ispejjeż tal-vjaġġ sussistenza għall-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu tal-attivitajiet tal-grupp b'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni. Il-membri ma għandhomx jitħallsu għad-dmirijiet tagħhom.

L-ispejjeż tal-laqgħat jiġu rrimborsati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet allokati lid-dipartiment konċernat fl-ambitu tal-proċedura annwali tal-allokazzjoni tar-riżorsi.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Hija applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2010. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-possibbiltà ta' estensjoni qabel dik id-data.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Viviane REDING
Membru tal-Kummissjoni

[2] L-Anness III ta' SEC(2005)1004 tas-27 ta' Lulju 2005